# TFAL MISSJUNARJI

*NEWSPAPER POST No.99*
*OTTUBRU - NOVEMBRU 2023*


## Jum Dinji Missjunarju – 22 ta' Ottubru 2023

## Qlub Imkebbsa

# SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)




missioTFAL
Uffiċċju Missjunarju MALTA u GĦAWDEX
(VO/1178)



2 Editorjal | 3 Messaġġ Mill-Koordinatriċi Ta' MissioTfal
4 Mill-Pinna Tad-Direttur | 6 MissioTfal Għawdex
7 Will | 11 Il-Paġna ta' Rafiki | 13 Kraft Tradizzjonali
14 Riċetta Tradizzjonali | 15 Kompetizzjonijiet Bi Premju




Nota: It-tfal kollha huma mħeġġa jidħlu fil-paġna ta' **Facebook Missio Malta Events Page/ Tfal Missjunarji** fejn jistgħu jsibu diversi logħbiet u attivitajiet ta' interess.

*Għeżież Tfal,*

*Kif intom? Erġajna ltqajna. Il-vaganzi tas-sajf għaddew u bdiet sena skolastika ġdida! Min jaf kemm iddevertejtu matul it-tliet xhur tas-sajf! Mortu xejn baħar? Ħriġtu mal-ħbieb? Żortu xi festa f'xi belt jew raħal f'Malta u/jew Għawdex? Kellkom l-opportunità ssiefru barra l-pajjiż? U biex mortu, bl-ajruplan jew bil-vapur? Matul ix-xahar t'Ottubru, li huwa x-xahar iddedikat lil Ommna Marija, niftakru wkoll fil-missjoni. Fil-fatt, Ottubru jissejjaħ ix-Xahar Missjunarju.*

*Din il-ħarġa hija ddedikata għall-Kontinent tal-Afrika! B'hekk l-artikli u l-istejjer huma marbuta ma' dan il-kontinent u tafu għaliex? Għax MissioTfal se jkun qed jiġbor id-donazzjonijet b'risq proġetti tat-tfal Afrikani, fosthom skejjel u kliniċi. Ninsab ċerta li se tieħdu gost taqraw l-artikli interessanti, u nħeġġukom tippruvaw tagħmlu l-kraft u r-riċetta tradizzjonali, u fuq kollox tieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet, għaliex għandna rigali sbieħ għalikom.*



*Huwa importanti li ma ninsew qatt lit-tfal anqas ixxurtjati minnkom li jgħixu f'pajjiżi tal-missjoni billi nagħtuhom donazzjoni ċkejkna sabiex ikollhom x'jieklu, x'jilbsu, saqaf fuq rashom u edukazzjoni xierqa. Tinsew qatt lil ħutkom tfal missjunarji u itolbu għalihom biex huma wkoll isiru jafu dwar Ġesù.*

*Il-ħabiba tagħkom,*

*Claudia*

*Stampa tal-faċċata: Powster uffiċjali tat-tfal għall-Ġurnata Missjunarja 2023.*

**TFAL MISSJUNARJI: RIVISTA GĦAT-TFAL LI TOĦROĠ BEJN OTTUBRU U MEJJU**

**Missio** Nru. 150, Triq Lorenzo Gafà, il-Mosta MST 4128
Tel: 2123 6962 | e-mail: nancy@missio.org.mt
Ħinijiet: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 9:00am – 4:00pm
Is-Sibt: 9:00am – 12:00pm

**Missio** Nru. 7, Triq l-Imgħallem, ir-Rabat Għawdex.
Tel: 2155 0267 | e-mail: gozo@missio.org.mt
Ħinijiet: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8:30am – 12:00pm

Editriċi: Claudia Cini | e-mail: claudia@missio.org.mt

Grafika: James Trapani | e-mail: gakbu@gakbu.com

Qarrejja tal-Provi: John Caruana u Mark Miruzzi

Pubblikazzjoni: Missio Malta

missio
Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**
(VO/1178)

**www.missio.org.mt**

*© Copyright: L-ebda parti minn dan il-magażin ma tista' tiġi ppubblikata mingħajr il-permess tal-pubblikaturi.*

# MESSAĠĠ MILL-KOORDINATRIĊI TA' MISSIO TFAL



**Nancy Camilleri**

Għeżież Tfal,



Għal sena oħra, MissioTfal ipparteċipaw fil-programmi ta' Skola Sajf bejn it-12 ta' Lulju u s-7 ta' Settembru. It-tema magħżula għal din is-sena kienet: 'Peace By Piece'.

It-tema tal-paċi hija tema għal qalbna ħafna għax hija tema missjunarja. Missjoni tfisser relazzjoni; kif iġġib ruħek mal-oħrajn. Intom għandkom ix-xorti li tiltaqgħu ma' tfal minn pajjiżi differenti. Li tikber ma' tfal b'kulturi differenti hija rikkezza ta' min jgħożżha. L-ambjent li tikber fih, bħall-iskola, il-parroċċa u postijiet ta' divertiment, ifisser li tifhem kif ħaddieħor jgħix, jitgħallem u jitkellem, u b'hekk twessa' l-għarfien tiegħek, u tiftaħ qalbek u moħħok għal opinjonjiet ġodda u għal tagħlim li ma ssibux fil-kotba. Għax aħna differenti ma jfissirx li għandna nkunu mifrudin, imma uniċi u ħbieb sinċiera li nieħdu gost insiru nafu lil xulxin, nitgħallmu l-kulturi ta' xulxin u b'hekk niġu eqreb xulxin. Dan kollu jġib ħafna paċi u armonija fostna.

B'dawn il-prinċipji f'qalbna ppreżentajna u ffukajna fuq il-kultura Afrikana, filwaqt li tkellimna dwar tribujiet popolari, fosthom il-Maasai; nies li fihom tispikka l-ospitalità. Huma nies li jħobbu jiltaqgħu mal-oħrajn u joffrulhom il-ġiżirajjen partikolari li jagħmlu. Fihom jiktbu messaġġi ta' paċi permezz tal-kuluri. It-tfal għamlu l-ġiżirana tagħhom u kienu mogħtija tifsira ta' kull kulur. Klassijiet oħra tgħallmu dwar l-użu tal-maskri li kienu u għadhom jintużaw minn xi tribujiet antiki waqt riti spiritwali, bidu ta' xogħol ġdid, waqt iż-żfin, fit-talb jew biex ibiegħdu l-annimali feroċi minn raħalhom. B'hekk, xi kultant il-maskri jkunu grotteski u strambi. It-tfal użaw karti u materjal differenti biex għamlu l-maskri tagħhom.*



Din dejjem tkun okkażjoni speċjali għalija għax niltaqa' magħkom it-tfal fl-iskejjel Maltin u Għawdxin, u nieħu gost narakom tieħdu pjaċir, l-iktar meta fl-aħħar nagħmlilkom sorpiża u nlibbiskom bħall-Maasai, u l-għalliema jeħdulkom xi ritratti u jibagħtuhom lill-ġenituri tagħkom.

*Narakom tfal.*

** Aqra aktar dwar dawn il-maskri f'paġni 11-13*



# MILL-PINNA TAD-DIRETTUR

Dun Victor Agius

## ... U Terġa' Tħossok Ħafif!



*"Andrew, ma sibtx il-karozza tiegħi hux?"* staqsa Richard wara li kien fela kull rokna tal-iskrivanija tiegħu.

*"Le! Ma rajthiex!"* qallu Andrew b'daqsxejn ta' ħmura fuq wiċċu. Il-karozza fil-fatt kienet fil-but tiegħu. Ma setax jirreżisti li jeħodha, kienet hekk sabiħa, ħamra u tleqq! Andrew kien ħadha biex jilgħab ftit biha. Kellu f'moħħu li jagħtihielu lura, imma mhux mill-ewwel! F'dak il-waqt bdiet il-lezzjoni. Andrew ma tantx ħassu sew, ma xtaqx jisraq il-karozza ta' sieħbu, imma ma kellux il-kuraġġ jgħidlu l-verità.

Ftit ġranet wara, waqt li sħabu kienu qed jilagħbu fil-bitħa, Andrew kellu bżonn imur lura fil-klassi biex jieħu l-kaxxa tal-'lunch'. Daħal jiġri, laqat il-vażett bil-pniezel mimli ilma u qalbu. U diżastru; l-ilma nqaleb fuq il-powster li kienu għadhom kif pinġew u t-tpinġija xxarrbet kollha u l-kuluri kollha saru geġwiġija sħiħa! Andrew, imwerwer għal li ġara, ħarab 'il barra u kompla jilgħab qisu ma ġara xejn. Meta reġgħu lura fil-klassi, l-għalliema berrqet għajnejha mistagħġba. *"Min għamel dan id-diżastru kollu?"* staqsiet waqt li bdiet tħares lejn kull wieħed u waħda minnhom.

Kollha ġrew iħarsu lejn il-powster: *"Jaħasra!!! X'diżastru!!!"* bdew jgħidu lil xulxin. *"Le, mhux jiena!" "Lanqas jiena!" "F'din il-klassi qed jiġru affarijiet strambi!"* żied jgħid Richard.

Andrew xtaq l-art tibilgħu. Staħba wara l-oħrajn u ma ssugrax jiftaħ ħalqu. Min jaf x'kastig kien se jaqla' u kemm se jeħduha bi kbira sħabu jekk ikunu jafu li kien hu! L-għalliema, b'wiċċ serju qaltilhom: *"Verament jiddispjaċini għaliex xi ħadd minnkom mhux qed jgħid il-verità. It-tpinġija nistgħu nerġgħu nagħmluha u mhu se nikkastiga lil ħadd. Imma nistenna li min għamel dan jersaq 'il quddiem u jgħidilna!"*

Ħadd ma fetaħ ħalqu. Komplew bil-lezzjoni, imma ħadd ma ssogra jitbissem. Andrew mar lura d-dar inkwetat. Ħass balla fuq l-istonku u żamm għajnejh baxxi lejn l-art bla ma



*ma' Richard u titolbu jgħinek? Għidlu kollox, itolbu skuża u morru għand l-għalliema flimkien u għidulha x'ġara."* Andrew deher kemxejn inċert, imma xxotta għajnejh u ċempel lil Richard.

Ħabibu ddispjaċieh, imma lil Andrew kien iħobbu u għalhekk iddeċieda li jgħinu. L-għada, meta wasal l-iskola, Richard sab lil Andrew jistennieh bilqiegħda fuq ħares lejn ħadd. Mar dritt f'kamartu u minn taħt l-ilsien sellem lil missieru li kien fil-kċina. Intefa' fuq is-sodda u difen wiċċu fl-imħadda. Wara ftit daħal missieru. *"Andrew! M'int se tgħidli xejn illum fuq kif mort l-iskola?"*

Andrew ma rrisponda xejn u baqa' b'wiċċu moħbi fl-imħadda. Inkwetat, missieru resaq lejh u għannqu. Andrew ma felaħx aktar, intelaq f'dirgħajn missieru u bejn bikja u oħra rrakkuntalu kollox. Missieru semgħu b'attenzjoni kbira u wara qallu: *"Jekk trid tneħħi dan it-toqol minn fuq qalbek u terġa' tħossok ħafif, għax ma tiftaħx qalbek*

it-taraġ. Ħarsu lejn xulxin għal mument, qabdu jdejn xulxin u marru għand l-għalliema. Hekk kif Andrew irrakkonta kollox, hija tbissmitlu u qaltlu: *"Missierek għandu raġun, ejja ħa ngħidu lil sħabek il-verità kollha, u mill-ġdid tħossok tajjeb u terġa' tħossok ħafif!"*

Iżda Andrew kien għad fadallu biċċa xogħol oħra x'jagħmel. Daħħal idu fil-but, ħareġ il-karozza u taha lil Richard, filwaqt li talbu skuża li kien ħadhielu bla permess. Richard, li kien tifel qalbu tajba ħafirlu minnufih, u Andrew issa beda jħossu verament ħafif!

**NOTA IMPORTANTI:**

MissioTfal jixtieq javża li din is-sena, il-ġabra għall-missjoni li soltu ssir permezz ta' invilopp matul ix-xahar t'Ottubru, mhix se ssir. Minflok il-ġabra se ssir fix-xhur li ġejjin. MissioTfal se jieħu ħsieb jinfurmakom bid-dettalji kollha fil-ħarġa li jmiss.

*Grazzi mill-qalb.*



# MISSIOTFAL GĦAWDEX

Dun Renato Borg

# Jum il-Missjoni



## Qlub Imkebbsa

## SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)

Għeżież Tfal,

Qegħdin niltaqgħu mill-ġdid għal sena skolastika oħra. Kif tafu, ix-xahar t'Ottubru huwa x-Xahar tal-Missjoni u għalhekk f'dan ix-xahar jiġi ċċelebrat 'Jum il-Missjoni' li din is-sena jaħbat fit-22 t'Ottubru. Minħabba l-importanza ta' dan il-jum, il-Papa jibgħat messaġġ lid-dinja kollha, fuq kollox lill-Insara. Din is-sena Papa Franġisku għażel bħala suġġett: *"Qlub imkebbsa, saqajn mexjin"*, mill-Vanġelu ta' San Luqa Kapitlu 24, Versi 13-35, li jitkellem dwar id-dixxipli ta' Għemmaws.



### X'jistgħu jfissru dawn il-kelmiet għalikom it-tfal?

Importanti ħafna li l-qlub tagħna jkunu mkebbsa, jiġifieri mħeġġa. Irridu noqogħdu attenti biex ma nħallux li l-qalb tagħna ssir iebsa u indifferenti quddiem il-bżonnijiet ta' tant li jinsabu fil-bżonn. Għalhekk, ix-xahar t'Ottubru jiġi biex, jekk forsi tgħażżinna xi ftit u l-qalb tagħna birdet, nerġgħu nitħeġġu, nagħtuha l-ħajja u l-ħeġġa meta naraw u naqraw fuq il-mezzi soċjali li għandna f'idejna l-bżonnijiet ta' tant tfal bħalkom fil-pajjiżi tal-missjoni. Il-qalb tagħna għandha titħeġġeġ ukoll bil-kelmiet ta' Ġesù li qalilna: *"Dak li tagħmlu mal-iżgħar fost ħuti tkunu qegħdin tagħmluh miegħi"* u *"Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont għeri u libbistuni, kont bil-għatx u sqejtuni..."* Għalhekk, nitolbu lil Ġesù biex iħeġġeġ lil qlubna ħalli ngħinu milli nistgħu lit-tfal tal-missjoni. B'hekk, Papa Franġisku żied u qalilna: *"saqajn mexjin"* jiġifieri ma nibqgħux fejn aħna, nimxu u ngħinu lil dawn il-pajjiżi tal-missjoni, nimxu billi nfittxu oħrajn biex jgħinu lill-missjoni, nimxu biex forsi xi darba aħna stess immorru l-missjoni.

*Filwaqt li nawgura lilkom u lill-għalliema sena skolastika tajba, nitlob fuqkom il-Barka t'Alla.*

# Will

*Storja vera addattata minn Claudia Cini.*

Will huwa t-tifel il-kbir fost erba' aħwa f'familja fqira ħafna li tgħix f'Arusha t-Tanżanija. Missieru jaħdem bħala ġardinar, imma żmien ilu kellu inċident fejn tilef idu. Minkejja dan, ir-raġel xorta baqa' jaħdem u jistinka kemm jiflaħ.




Will, li għandu 17-il sena, jattendi l-iskola tas-seminarju tal-lokal, mingħajr ħlas, għax li kieku żgur li ma kienx ikun jista' jmur. L-iskola tagħti prijorità lill-edukazzjoni tat-tfal, għalhekk ma jkollhiex biżżejjed flus biex tagħmel xi tiswijiet li jkun hemm bżonn.



Sfortunatament, meta tagħmel ix-xita, is-soqfa jibdew iqattru, il-klassijiet jegħrqu u l-bibien huma mherrijin bl-ilma. Ilma sħun ma jeżistix għax il-flus jintużaw biex studenti fqar jingħataw edukazzjoni xierqa, x'jieklu u saqaf fuq rashom sakemm ilestu l-istudji tagħhom.




Jekk il-mexxejja tal-iskola jkollhom biżżejjed flus ikunu jistgħu jirranġaw il-bini li ilu snin sejjer lura, u jibnu klassijiet ġodda ħalli l-istudenti jkunu jistgħu jitgħallmu fihom f'aktar kumdità u mingħajr problemi li jidħol l-ilma meta jkunu waqt xi lezzjoni.



Il-ħolma ta' Will hija li la jikber isir saċerdot, għax iħossu miġbud lejn din il-vokazzjoni reliġjuża. Dan jixtieq jagħmlu għax irid jagħmel il-ġid ma' ħaddieħor, kif ra lir-reliġjużi jagħmlu miegħu meta kellu bżonn.




Grazzi għad-donazzjoni tiegħek u ta' ħafna u ħafna tfal oħra ta' qalb tajba, ix-xewqa tal-għalliema u tal-istudenti, fosthom Will, li jattendu l-iskola tas-seminarju f'Arusha, tista' ssir realtà!



**Xi fatti dwar Arusha:**

Arusha hija belt fit-Tramuntana tat-Tanżanija. Din il-belt tinsab fil-qiegħ tal-Muntanja Meru li hija t-tieni l-ogħla muntanja tal-pajjiż. Il-klima hija relattivament friska u niexfa. Il-lingwi uffiċjali ta' Arusha huma l-Ingliż u s-Swaħili. In-nies f'din il-belt iħaddnu reliġjonijiet differenti, fosthom ir-reliġjon Kristjana, Lhudija, Musulmana u Ħindu. Arusha għandha popolazzjoni ta' aktar minn miljun u nofs ruħ; l-aktar fosthom huma membri tat-tribujiet Iraqw, Wameru, Sonjo, Chagga, Pare, Nguu u Maasai.





# IL-PAĠNA TA' RAFIKI

Ħelow Tfal! Kif intom?

Nispera li tinsabu tajbin u li gawdejtu s-sajf. Min jaf kemm mortu baħar u lgħabtu fir-ramel! Sewwa għamiltu għax is-sajf għalhekk jiġi, biex nieħdu gost flimkien u nistrieħu.











Qabel ma beda s-sajf, aħna ta' MissioTfal konna mistednin fil-Parroċċa tal-Qrendi għall-festa tan-novena tat-tfal. Kienet festa li ħafna tfal mill-Qrendi attendew għaliha. Kulħadd ipparteċipa fir-Rużarju Missjunarju li organizzajna. Kull posta ta' dan ir-rużarju b'differenza tirrappreżenta kontinent u waqt li tingħad il-Glorja tinxtegħel xemgħa bil-kulur marbut mal-kontinent. Dawn il-ħames xemgħat tqiegħdu taħt l-istatwa tal-Madonna. Kienet tassew xena sabiħa tara lil dawk it-tfal jitolbu r-Rużarju flimkien!

Waqt il-quddiesa użajna xi simboli li jfakkruna fid-diffikultajiet li jgħixu fihom in-nies fil-pajjiżi tal-missjoni li aħna ngħinu. Fost is-simboli kien hemm:



- **Kaxxa tal-kartun** - tirrappreżenta lit-tfal li jgħixu barra fit-triq - waqt l-offerti nbidlet f'xugaman u kutra



- **Xkora** - tirrappreżenta lit-tfal li jaħdmu - waqt l-offerti nbidlet f'kotba tal-iskola



- **Stampa ta' demgħa** - tirrappreżenta lit-tfal li tilfu ħajjithom minħabba l-mard - waqt l-offerti nbidlet fi stampa ta' ħamiema



- **Platt vojt** – jirrappreżenta l-ġuħ li jbatu t-tfal - waqt l-offerti nbidel fi platt mimli bir-ross

L-offerti tagħna u t-talb li nitolbu jagħmlu differenza kbira fid-dinja.



It-tfal kollha li attendew ingħataw flokk b’xi kulur ta’ wieħed mill-kontinenti. Wara l-quddiesa, li kienet iċċelebrata minn Dun Osmar Baldacchino, it-tfal kollha offrew fjura lill-Madonna. Kemm kienu sbieħ u kkuluriti l-fjuri kollha flimkien! Dan ifisser, li għalkemm aħna lkoll differenti, magħqudin flimkien fil-paċi jkollna l-ambjent fejn ngħixu sabiħ u d-dinja ta’ madwarna isbaħ. Aħna l-futur tad-dinja, u jekk ngħixu magħqudin flimkien ikollna dinja isbaħ milli hi.



## Virtual Reality Equipment.

Matul is-sajf ħadna sehem fil-‘Food Festival’ bejn it-18 u s-26 ta’ Lulju fil-Belt Valletta. Il-qofol tiegħu kien fit-23, jum il-maratona. MissioTfal stiednu tfal, żgħażagħ u adulti biex ikollhom esperjenza virtwali tal-missjoni billi mxew fuq treadmill waqt li kienu lebsin il-VR, strument li tilbsu bħal nuċċali u tara vidjow 360º, ta’ ambjent fil-missjoni jew ta’ skola fejn tara tfal ikellmuk u jxejrulek. Kienet esperjenza suċċess li tferrħek. MissioTfal se jġib dawn il-VRs fl-iskejjel tagħkom sabiex intom ukoll tkunu tistgħu tesperjenzawhom.

*Narakom tħieb.*



## Kompetizzjoni Bi Premju:

Nixtieqkom tpinġu stampa kkulurita fuq it-tema: **Differenti u Sbieħ**. Xi ħadd minnkom jirbaħ rigal sabiħ. Ibgħat it-tpinġija flimkien ma’ ismek, kunjomok, l-età u l-indirizz, hekk: **Tfal Missjunarji - Kompetizzjoni Rafiki, Nru.150, Missio, Triq Lorenzo Gafà, il-Mosta MST 4128** jew inkella fuq l-imejl: **nancy@missio.org.mt**







## Kraft Mill-Afrika:

Il-maskri huma magħmula minn artisti li jiddisinjawhom; arti li tintiret mill-missier għall-iben, flimkien mat-tifsira simbolika tagħhom. Il-maskri jkunu ta' kuluri differenti, bħal aħmar, oranġjo u kannella. Fil-kultura Afrikana, min jilbes il-maskri jitlef is-sura umana u jidħol fl-ispirtu ta' dak li tirrappreżenta l-maskra, akkumpanjat b'mużika u żifna partikolari, u jista' jikkomunika mal-ispirtu jew annimal. Ġeneralment, il-maskri jkunu forma ta' wiċċ uman, imma hemm oħrajn forma ta' annimali, li huma aktar komuni, jew astratti. Fil-Burkina Faso jużaw ħafna l-ispirtu li jtir fil-foresta u għax dan huwa inviżibbli, jużaw arti astratta fil-maskri. Fil-Mali l-antiloppi jirrappreżentaw il-ħsad u sena tajba għall-biedja. Kull tradizzjoni hija differenti minn kultura għal oħra.

### Biex nagħmlu maskra għandna bżonn:

- 'Brown paper' mqasqsa forma ta' maskra
- Biċċiet ta' karti kkuluriti
- Żebgħa bajda
- Pniezel
- Drapp abjad imqasqas fi frenża
- Kolla bajda

### Metodu:

- Fittex disinji Afrikani fuq l-internet biex tieħu idea ta' kif se tiddisinja l-maskra.
- Aqta' toqob għall-għajnejn u l-ħalq.
- Bil-kolla waħħal fuq il-maskra l-karti kkuluriti.
- Pinġi xi disinji biż-żebgħa u waħħal il-frenża ma' fuq u ma' taħt tal-maskra bħala xagħar u daqna.

*Nieħdu gost jekk tibagħtulna ritratt tal-maskra li għamiltu fuq nancy@missio.org.mt*



*Kun żgur li tissorvelja lit-tfal meta jkunu qegħdin jagħmlu l-krafts.*



# ĦADDEM IDEJK



## RIĊETTA TRADIZZJONALI

Claudia Cini



# INSALATA KAĊUMBALI – MIT-TANŻANIJA

### X'għandek bżonn (għal 4 persuni):

- 2 basliet ħomor imqattgħin fin
- 4 tadamiet
- Bżaru aħdar
- Nofs ħjara
- Karrotta
- Kosbor frisk
- Meraq frisk ta' lumija
- Bżar u melħ

### Metodu:

- Qatta' t-tadam roti u flimkien mal-basal ixħethom ġo skutella kbira
- Qaxxar il-ħjara u l-karrotta, qattagħhom f'dadi u ixħethom fl-iskutella
- Naddaf il-bżaru, qattgħu f'dadi żgħar u żidu mat-taħlita flimkien mal-kosbor
- Ħawwad it-taħlita tal-insalata sew u ferrex il-meraq tal-lumi fuqha
- Itfa' ftit bżar u melħ kemm tiggosta
- Servi din l-insalata mal-ħut jew mal-laħam.

**HAMU NZURI!** (l-ikla t-tajba)



**Kont taf li:** li r-Repubblika Unita tat-Tanżanija tinsab fil-kontinent Afrikan? Għandha żewġt ibliet kapitali: Dar es Salaam u Dodoma. Il-popolazzjoni hija ta' 47 miljun ruħ u tikkonsisti f'madwar 120 tribù differenti, bl-ikbar wieħed ta' Sukuma. Fl-1964 kisbet l-indipendenza minn mal-Brittanja. Il-lingwi uffiċjali huma s-Swaħili u l-Ingliż. Kilimanjaro hija l-ogħla muntanja fl-Afrika, filwaqt li Ngorongoro huwa l-akbar vulkan. L-iktar injam ta' valur fid-dinja jinsab fit-Tanżanija u ġej mis-siġar tal-Mpingo.



Hawn jgħixu l-uniċi ljuni li jixxabbtu mas-siġar. U kont taf li Freddie Mercury tal-grupp 'Queen' twieled it-Tanżanija bl-isem ta' Farrokh Bulsara?

***Nota Importanti:*** *Qabel tibda hu ħsieb aħsel idejk sew, inża' l-ġojjellerija, orbot xagħrek u ilbes ilbies addattat. Itlob l-għajnuna ta' persuna adulta, speċjalment jekk ser tuża oġġetti li jaqtgħu, in-nar u/jew l-elettriku.*



# KOMPETIZZJONIJIET BI PREMJU

## OTTUBRU - NOVEMBRU 2023




Ibgħat is-soluzzjoni t-tajba flimkien ma' ismek, kunjomok, l-età u l-indirizz, hekk:

**Tfal Missjunarji - Kompetizzjonijiet,**
**Nru.150, Missio, Triq Lorenzo Gafà,**
**il-Mosta MST 4128**

## 1. PINĠI SKONT IN-NUMRI

Pinġi l-istampa li tidher hawn taħt billi tuża l-kuluri skont in-numri indikati.




## 2. KOMPETIZZJONI TAL-KITBA U TAT-TPINĠIJA



Qed inħeġġukom sabiex tiktbulna u/jew tpinġulna dwar kif għaddejtu l-Vaganzi tas-Sajf. Kellkom xi esperjenza unika? Mortu l-baħar? Attendejtu xi festa tar-raħal? Sifirtu barra minn Malta? Inħallu f'idejn l-immaġinazzjoni tagħkom. L-ewwel ittra li nirċievu tirbaħ kupun ta' €10 li jissarraf mill-ħanut Faith, Hope & Charity fil-Belt Valletta.

# KOMPETIZZJONIJIET BI PREMJU

## OTTUBRU - NOVEMBRU 2023

ISEM U KUNJOM: ______________________ ETÀ: ________

INDIRIZZ: ______________________________

______________________ KODIĊI POSTALI: ________

SKOLA: ______________________________

### Soluzzjonijiet tal-Kompetizzjonijiet ta' April - Mejju 2023 Ħarġa Nru.97.

## 1. SIB IT-TRIQ



## 2. KITBA U TPINĠIJA



Tpinġija ta' Jovana Stojanovikj

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet huma Jovana Stojanovikj mill-Baħrija, Luca Borg minn Ħaż-Żebbuġ u Shelby Xuereb mill-Fontana.

Grazzi lil kull min bagħtilna t-tweġibiet. Prosit lir-rebbieħa! Huma jirċievu ittra bil-posta mingħandna biex ikunu jistgħu jiġbru r-rigal tagħhom.


**ABSEILING & ZIPLINE WEEKEND IN AID OF missio**

Kunsill Lokali Mosta

18th November 09:00 till 19th November 2023, 18:00
at Mosta Bridge, Mosta

Donation: €20 Abseiling + zipline • €12 Abseiling or zipline
zip line 100m • abseiling 43m

Mosta

*Book your adventure by calling Missio Malta on 2123 6962*


